MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 171/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alphonse Abela**

Il-Qorti,

**1.** Fis-27 ta' Jannar 2003 l-imsemmi Alphonse Abela tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti istruttorja fejn gie akkuzat mill-Pulizija Ezekuttiva li:

(1) iffalsifika att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew f'firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi

dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamel, iffalsifika diversi firem ta' kapijiet ta' diversi skejjel tal-Gvern fuq invoices mahruga mill-PTA ghal hlas tas-Servizz tat-Trasport ghall-iskejjel tal-Istat, liema dokumenti falsifikati gewipprezentati lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni;

(2) xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza imsemmijin fl-imputazzjoni (1);

(3) iffalsifika cedola, polza jew ordni, jew dokumenti ohra (cioe` invoices mahruga mill-Public Transport Association), illi meta gew ipprezentati ircieva bihom hlas mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u l-Gvern ta' Malta, jew ha l-kunsinna ta' oggetti, jew gabar depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

(4) ghamel uzu mid-dokumenti falsifikati msemmija fl-imputazzjoni (3);

(5) sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

(6) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm50,000 bi hsara tal-Gvern ta' Malta, id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, Awtoritajiet Governattivi ohra u diversi persuni;

**2.** Permezz ta' digriet ta' l-24 ta' April 2003, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istrutorja iddecidiet li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imsemmi Alphonse Abela jitqieghed taht att ta' akkuza u lliberatu (*discharged*);

**3.** Wara li l-Avukat Generali rcieva l-atti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, huwa pprevalixxa ruhu minn dak li kien jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 433 tal-Kodici Kriminali u, wara li kkonsulta ma' Imhallef li ma joqghodx ordinarjament fil-Qorti ta' Appell Kriminali jew fil-Qorti Kriminali, hareg l-appozitu mandat ta' arrest f'Mejju 2003. Il-Pulizija Ezekuttiva, in forza ta' dak il-mandat, arrestat lill-istess Alphonse Abela mill-gdid u regghet ressqitu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Il-kumpilazzjoni kompliet u fl-14 ta' Marzu 2005 l-Avukat Generali baghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) skond l-artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 sabiex l-istess Alphonse Abela jigi ggudikat minn dik il-Qorti flok ma jghaddi guri, dment li jkun hem mil-harsien tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-14 ta' Novembru 2005 l-imsemmi Alphonse Abela ta l-kunsesn tieghu skond l-imsemmi artikolu 370(3)(b)(c) biex il-kawza tieghu tigi mismugha u deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond kif jirrizulta mill-verbal a fol. 497.

**4.** Waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2007, id-difiza talbet li in vista tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Joseph Lebrun vs l-Avukat Generali**,[1] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tiddikjara r-riarrest ta' Alphonse Abela ai termini ta' l-artikolu 433 u l-konsegwenti proceduri bhala nulli u bla effett u li terga' tpoggieh fl-istess stat li kien ezattament wara l-istess Alphonse Abela gie mehlus (*"discharged"*) permezz tad-digriet ta' l-24 ta' April 2003. Imbaghad b'rikors ta' l-14 ta' Gunju 2007, l-imsemmi Alphonse Abela talab li jitqieghed minn dik il-Qorti "fl-istat li kien fih immedjatament wara d-digriet tal-Qorti Istruttorja ta' l-24 ta' April 2003, fejn huwa gie mehlus u liberat minn kull imputazzjoni". Il-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb ghal dan ir-rikors fit-28 ta' Gunju 2007 u fl-istess jum l-Avukat Generali pprezenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali skond l-artikolu 433(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Proprjament riferenza kostituzzjonali fl-atti tal-kawza **Il-Pulizija v. Joseph Lebrun**.

**5.** Fl-udjenza tas-6 ta’ Lulju 2007 quddiem il-Qorti Kriminali, id-difiza sollevat il-pregudizzjali li r-rikors ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Gunju 2007 kien gie pprezentat barra minn zmienu in vista ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 5(1)(3)(a) ta’ l-Att VI tas-sena 2007.

**6.** Fid-9 ta’ Lulju 2007 il-Qorti Kriminali ddecidiet ir-rikors imressaq mill-Avukat Generali billi laqghet il-pregudizzjali sollevata minn Alphonse Abela, iddikjarat li r-rikors imsemmi ma sarx fiz-zmien stabbilit fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Att VI ta’ l-2007, u konsegwentement iddikjarat ir-rikors irritu u null u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**7.** Sadattant il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kienet iddifferiet il-kawza ghat-22 ta’ Ottubru 2007. F’dik l-udjenza, dik il-Qorti hadet konjizzjoni tad-digriet moghti mill-Qorti Kriminali fid-9 ta’ Lulju 2007 u d-difiza talbet li in vista ta’ l-istess digriet, il-Qorti tal-Magistrati tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imputazzjonijiet u tal-proceduri. B’digriet taghha tal-15 ta’ Mejju 2008, dik il-Qorti ddecidiet billi astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza.

**8.** L-Avukat Generali appella minn dik id-decizjoni. Skond l-Avukat Generali, wara li l-appellat (allura l-imputat) Alphonse Abela ta l-kunsens tieghu biex il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tittratta u tiddeciedi l-kaz tieghu bil-procedura sommarja, dik il-Qorti kellha tghaddi ghas-sentenza minnufih kif provdut fl-artikolu 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddeciedi billi tillibera jew tikkundanna lill-appellat. L-ewwel Qorti, skond l-appellant, ma kellhiex tidhol fil-mertu ta’ jekk kienx hemm lok ta’ dikjarazzjoni ta’ nullita` tar-riarrest o meno ta’ l-appellat in kwantu leziv tad-drittijiet tal-bniedem, u dan ghax ma kinitx il-Qorti kompetenti biex taghmel dan. L-Avukat Generali jsostni li meta ghamel ir-rikors tat-28 ta’ Gunju 2007, dan ghamlu bhala mizura addizzjonali ta’ salvagwardja ghall-kaz, u l-ezitu tieghu ma kellu jkollu ebda impatt fuq l-andament tal-proceduri kriminali jew dawk il-proceduri l-ohra li kienu diga`

mwettqa f'Mejju 2003. Il-fatt li r-rikors kien *fuori termine* ma kellux iwaqqaf il-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghax il-mansjoni taghha kienet dik cirkoskritta mill-artikoli 370(3)(c) u 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ma kellhiex kompetenza kostituzzjonali. L-Avukat Generali jinsisti li l-fatt li r-rikors tieghu ma giex milqugh ghax kienipprezentat *fuori termine* kien ifisser biss li dak ir-rikors ma setax jigi milqugh ghax dik ir-raguni proceduralі partikolari *sic et simpliciter*. Inoltre minn imkien ma jirrizulta mid-digriet tal-Qorti Kriminali tad-9 ta' Lulju 2007 irrimandat l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex tipprovdi dwar jekk minhabba difett procedurali jistghux dawn il-proceduri jitkomplew jew altrimenti ghandux l-appellat jitpogga fil-posizzjoni liberatorja skond id-digriet ta' l-24 ta' April 2003. Galadarba r-rikors tieghu gie michud, jghid l-Avukat Generali, il-konsegwenza naturali procedurali kienet li l-atti jigu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal kontinwazzjoni tal-kaz skond il-ligi. L-Avukat Generali jissottometti li l-procedura introdotta bl-Att VI tal-2007, u in partikolari l-artikolu 5, kienet semmai tapplika ghal dawk il-kazijiet li kienu ghadhom fi stadju ta' Istruttorja u mhux li jkunu waslu ghall-gudizzju, bhalma kien dan il-kaz.

**9.** Is-soluzzjoni tal-kwistjoni tinsab proprju fl-Att VI tas-sena 2007. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 433 jipprovdi li l-Avukat Generali jista', fi zmien xahar minn dak in-nhar li jkunu gew lilu mibghuta l-atti tal-kompilazzjoni, jaghmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali ghall-hrug ta' mandat ta' arrest ta' persuna illiberata mill-Qorti tal-Magistrati. Il-kelma "jista'" f'dan il-kuntest tfisser li l-Avukat Generali ghandu s-<u>setgha</u> li jaghmel rikors. Jekk ma jaghmilx tali rikors fit-terminu ta' xahar, il-pozizzjoni tibqa' dik stabbilita mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja li permezz tieghu imputat ikun gie mehlus ghax dik il-Qorti tkun ikkonkludiet li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht att ta' akkuza. Jigifieri t-terminu ta' xahar huwa wiehed perentorju.

**10.** Issa, is-subartikoli (1), (2) u (3)(a) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att VI ta' l-2007 jipprovdu:

**"(1) Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw dwar kull persuna (hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjha "persuna relevanti") li, qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att:**

**(a) kienet giet illiberata mill-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja u giet arrestata mill-gdid bis-sahha ta' mandat mahrug mill-Avukat Generali taht id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 433 tal-Kodici qabel gie emendat b'dan l-Att; u**

**(b) ma gietx misjuba hatja jew illiberata, kemm jekk b'sentenza ta' l-ewwel grad kif ukoll jekk f'appell, mill-akkuzi kontra taghha.**

**(2) Id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 433 tal-Kodici kif emendat b'dan l-Att ghandhom, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikoli li gejjin ta' dan l-artikolu, japplikaw dwar persuna relevanti.**

**(3) Meta rikors taht l-artikolu 433 tal-Kodici kif emendat b'dan l-Att isir dwar persuna relevanti bis-sahha ta' dan l-artikolu, id-dispozizzjonijiet li gejjin ghandhom japplikaw:**

**(a) iz-zmien ta' xahar imsemmi fl-artikolu 433 tal-Kodici kif emendat b'dan l-Att ghandu jibda jghodd mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att".**

**11.** M'hemmx dubju li l-appellat huwa "persuna relevanti" skond il-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 5. U dwar "persuna relevanti", skond is-subartikolu (2), "ghandhom" japplikaw id-dispozizzjonijet ta' l-artikolu 433 tal-Kodici Kriminali kif emendat bl-istess Att VI ta' l-2007. Imbaghad, skond is-subartikolu (3), meta rikors taht l-artikolu 433 isir bis-sahha ta' l-artikolu 5, dan irid isir fi zmien xahar mid-data tal-bidu fis-sehh ta' l-Att, cioe` fi zmien xahar mis-27 ta' April 2007. Ir-rikors intavolat mill-Avukat Generali fil-konfront ta' l-appellat gie intavolat fit-28 ta' Gunju 2007. Jigifieri gie intavolat tardivament. L-Avukat Generali jsostni li l-artikolu 5 japplika ghal dawk il-kazijiet li kienu ghadhom fi stadju ta'

Istruttorja u mhux li jkunu waslu ghall-gudizzju. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx. L-artikolu 5 ma jghidx hekk. Anzi fid-definizzjoni ta' "persuna relevanti", il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) jipprovdi li tali persuna trid tkun ghadha "ma gietx misjuba hatja jew illiberata, kemm jekk b'sentenza ta' l-ewwel grad kif ukoll jekk f'appell, mill-akkuzi kontra taghha". Jigifieri l-procedura taht l-artikolu 433 tal-Kodici Kriminali kellha ssir irrispettivament mill-istadju li fih kien wasal il-kaz. Huwa veru li f'dan il-kaz l-appellat kien diga` ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, izda sentenza kienet ghadha ma nghatatx.

**12.** Il-procedura skond is-subartikolu (3) tal-artikolu 433, ma hi xejn ghajr forma ta` 'appell' li l-Avukat Generali qabel kien jaghmel *in camera* u privatament quddiem Imhallef li jaghzel hu stess u, wara l-emendi, skond il-procedura stabbilita bl-emendi li saru bl-Att VI ta' l-2007. U bhalma qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Lebrun** moghtija fid-9 ta' Frar 2007:

**"Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, l-posizzjoni hija differenti meta l-Qorti Istruttorja tkun iddecidiet li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. F'dan il-kaz tali decizjoni hija, jekk ma jsir xejn in segwitu ghaliha, *'decisive for the determination of the criminal charge'* ghas-semplici raguni li l-proceduri penali fuq dawk l-atti u b'dawk il-provi li kellha quddiemha l-Qorti Istruttorja[2] jieqfu definittivament b'tali mod li la l-Qorti Kriminali u anqas il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma jkunu jistghu qatt jaslu biex isibu htija fil-konfront ta' l-imputat. Isegwi necessarjament ghalhekk li l-procedura li twassal ghad-decizjoni biex fuq dawk l-atti u b'dawk il-provi jkun jista' xorta wahda jinhareg att ta' akkuza huma procedura u decizjoni '*decisive for the determination of the criminal charge*'.**

[2] Jekk jinstabu provi godda, jistghu jinbdew procedure godda.

**13.** Fil-kaz in ezami, il-posizzjoni kellha tigi sanata bil-procedura gdida stabbilita bl-Att VI ta' l-2007, liema procedura kienet *"decisive for the determination of the criminal charge"*. L-Avukat Generali ttenta jipprezenta rikors fit-28 ta' Gunju 2007. Dan kien *fuori termine* u l-Qorti Kriminali bid-digriet taghha tad-9 ta' Lulju 2007 astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Lanqas ma huwa l-kaz, kif jippretendi l-Avukat Generali, li l-appellat kellu semmai jinizja proceduri ta' natura kostituzzjonali, ghax id-dispozizzjonijiet tranzitorji ma jhallu ebda dubju dwar x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur.

**14.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------